**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 11/2008**

**tat-8 ta' Jannar 2008**

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) fuq it-trażmissjoni tas-serji kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 jikkostitwixxi l-qafas legali għall-klassifikazzjoni reġjonali ta' l-UE sabiex tkun tista' tinġabar, tiġi kkompilata u distribwita statistika reġjonali armonizzata fil-Komunità.

(2) L-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 jipprovdi li meta ssir emenda lill-klassifikazzjoni NUTS, l-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni s-serji kronoloġiċi għall-klassifikazzjoni reġjonali l-ġdida biex jibdlu d-*data* mibgħuta diġà. Il-lista ta' serji kronoloġiċi u t-tul tagħhom għandhom jiġu speċifikati mill-Kummissjoni hija u tqis il-fattibilità tal-provvista tagħhom. Dawn is-serji kronoloġiċi għandhom jiġu pprovduti fi żmien sentejn mill-emenda għall-klassifikazzjoni NUTS.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 ġie emendat mir-Regolament (KE) Nru 1888/2005 ([2]) minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ma' l-Unjoni Ewropea u bir-Regolament (KE) Nru 105/2007.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' Statistika, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni s-serji kronoloġiċi għall-klassifikazzjoni reġjonali l-ġdida skond il-lista speċifikata fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Jannar 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Joaquín ALMUNIA

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 105/2007 (ĠU L 39, 10.2.2007, p. 1).

([2]) ĠU L 309, 25.11.2005, p. 1.

([3]) ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

*ANNESS*

**Is-sena tal-bidu rikjesta skond il-qasam ta' l-istatistika**

| Qasam | NUTS livell 2 | NUTS livell 3 |
|---|---|---|
| Agrikoltura | 2007 | |
| Demografija | 1990 | 1990 |
| Il-kontijiet Reġjonali | 1999 | 1999 |
| Kontijiet domestiċi | 1999 | |
| Edukazzjoni | 2007 | |
| Saħħa - kawżi ta' mewt | 1994 | |
| Saħħa - Infrastruttura | 2000 | |
| Stħarriġ tal-Forza tax-Xogħol | 2000 | |
| Impjiegi, Qgħad | | 2000 |
| Riċerka u Żvilupp | 2003 | |
| Stħarriġ Strutturali tan-Negozju | 2007 | |
| Turiżmu | 2000 | 2005 |
| Trasport bit-triq | | 2007 |
| Trasport - ferrovija | 2005 | |
| Trasport bil-kanali interni | 2007 | |
| Ambjent - statistika ta' l-iskart | 2004 | |
| Ambjent - oħrajn | 2003 | |